MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 9/2003/1

Rikors Nru: 9/2003

Kummissarju ta' l-Art

vs

Charles Ellul ghall-Utile Dominium Perpetwu u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2003, gew mahtura kuraturi biex jirrapprezentaw lis-sid jew sidien mhux maghrufa tad-dirett dominium perpetwu Dottor Leslie Cuschieri u PL Liliana Buhagiar

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artipprezentat fil-5 ta' Marzu, 2003 fejn espona:

Illi l-intimat gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim datat 10 ta' Jannar, 2003 fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut ghall-

Utile Dominju Perpetwu tal-fond Nru 85 fi Triq San Gwann f'Bormla huwa ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) kif jidher mir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A&CE tas-6 ta' Jannar, 2003, li kopja tieghu 'Dok A' hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar, 2003 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta ta' l-intimat ipprezentata fil-31 ta' Jannar, 2003 fejn espona:

Bil-prezenti ittra ufficjali responsiva l-mittenti Charles Ellul ghall-utile dominium perpetwu kif ukoll bhala kuratur Deputat ghan-nom tad-Dirett Dominium Perpetwu fil-waqt li jirreferi ghall-ittra ufficjali datata 10 ta' Jannar 2003 mibghuta minnek ghar-rigward l-fond numru 85 Triq San Gwann Bormla u ghall-istima maghmulha mill-Perit Joe Mizzi annessa ma' l-imsemmija ittra, jinfurmawk ufficjalment illi huwa mhuwiex jaqbel mal-istima maghmulha mill-Perit inkarigat minnek stante li dina l-istima ma tirriflettix il-valur tal-proprjeta' imsemmija.

Tant sabiex taghraf tirregola ruhek u tipprocedi ai termini tal-ligi.

Bl-ispejjez.

Ra li l-partijiet gew notifikati skond il-ligi.

Ra li l-kuraturi baqghu kontumaci.

Semgha x-xhieda bil-gurament u ra d-dokumenti esebiti fosthom il-pjanta pprezentata fl-24 ta' Jannar 2005 mir-rikorrent kif ghamlu l-periti mahtura minnu, l-AIC Geodfrey Vella u l-AIC Michael Refalo.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti li ghandha taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Ra l-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta. Jaghmel tieghu r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti li minnha l-kumpens gust tal-fond li kien wiehed kummercjali gie ffissat ghal dak li hu utile dominju fl-ammont ta' Lm12,000. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar id-dritt dominju li ghalhekk hu stmat fl-ammont ta' Lm2.50 kif stmat min naha tar-rikorrent.

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba u jordna lill-intimat Charles Mangion u lill-kuraturi jittrasferixxu b'titolu ta' xiri assolut bhala liberu u frank l-fond 85, Triq San Gwann Bormla, l-utile dominium perpetwu bil-kumpens ta' Lm12,000 u d-directum dominium bil-kumpens ta' Lm2.50 rispettivament.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att nhar l-Erbgha 17 ta' Jannar 2007 fid-9:00a.m.; jahtar lill-avukat Dottor Michael Spiteri biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci; L-ispejjez bejn ir-rikorrent u l-intimat Ellul ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.
L-ispejjez tal-kuraturi jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------